

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2012/37/UE

tat-22 ta' Novembru 2012

li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE u 66/402/KEE fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati miż-żerriegħa ta' *Galega orientalis* Lam., il-piż massimu ta' lott taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet ta' pjanti tal-għalf u d-daqs tal-kampjun ta' *Sorghum* spp.

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi:

- (1) L-ebusija taż-żrieragħ hija karatteristika tipika ta' *Galega orientalis* Lam. Għalhekk, ir-reqwiziti tal-kwalità tal-ispeċi fir-rigward tal-ġerminazzjoni minima għandhom jiġu ssumplimentati b'ċertu informazzjoni fir-rigward ta' dik il-karatteristika.
- (2) Id-Direttiva 66/401/KEE tistipula l-piż massimu ta' lott taż-żerriegħa biex tevita l-eteroġeneità flottijiet fir-rigward tal-ittestjar taż-żrieragħ.
- (3) Billi l-bidliet fil-produzzjoni taż-żerriegħa u l-prattiki tal-kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari iż-żieda fid-daqs tal-produzzjoni tal-uċuħ taż-żerriegħa u l-metodi tat-trasport taż-żerriegħa, taw indikazzjoni li żieda fil-piż massimu stabbilit tal-lott għaż-żerriegħa tal-ħxejjex setgħet tkun ta' vantaġġ, ġie organizzat esperiment temporanju b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/66/KE<sup>(3)</sup>.
- (4) Dan l-esperiment wera li fil-kundizzjonijiet il-ġodda, il-pjanti ta' produzzjoni jistgħu jipproduċu lottijiet taż-żerriegħa omogēni biżżejjed b'daqsijiet akbar. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jitħallew jawtorizzaw iż-żieda tal-piż massimu tal-lottijiet taż-żerriegħa tal-ispeċijiet tal-ħaxix.
- (5) Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żerriegħa, l-ispezzjoni fil-post, it-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar previsti fid-Direttiva 66/402/KEE huma bbażati fuq metodi u standards aċċettati internazzjonalment, bħal

pereżempju dawk stabbiliti mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Ittestjar taż-Żerriegħa (International Seed Testing Association - ISTA).

- (6) Ir-reqwiziti tal-kwalità stabbiliti għall-ispeċi *Sorghum* spp. b'mod ewlieni huma bbażati fuq l-ispeċi *Sorghum bicolor* (L.) Moench. Bħala riżultat tas-suq li għadu kif ġie żviluppat għall-produzzjoni tal-għalf u tal-bijomassa, id-domanda għal sottospeċijiet oħrajn u ibridi ta' *Sorghum* spp. b'daqs iżgħar taż-żerriegħa u b'forma irraq u aktar ċatta żdiedet. Għalhekk, ir-reqwiziti għal sottospeċijiet separati għandhom jiġu żviluppati aktar sabiex iqsu l-karatteristiċi taż-żerriegħa tagħhom.
- (7) L-ispeċi *Sorghum* spp. għandha tiġi differenzjata fi *Sorghum bicolor* (L.) Moench, *Sorghum sudanense* (Piper) Stapf u l-ibridi tagħhom, u d-daqsijiet tal-kampjuni tagħhom għandhom jiġu adattati mal-istandards stabbiliti mill-ISTA.
- (8) Id-Direttivi 66/401/KEE u 66/402/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

## Emendi għad-Direttiva 66/401/KEE

Id-Direttiva 66/401/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) Fit-Tabella A tat-Taqsima I(2) tal-Anness II, fir-rigward tal-entrata għal *Galega orientalis* Lam., fil-kolonna 2 in-numru "60" huwa sostitwit b'dan li ġej:  
  
"60 (a)(b)".
- (2) Fil-kolonna 1 tal-Anness III, l-entrata għal "Poaceae (Gramineae)" hija sostitwita b'dan li ġej:  
  
"Poaceae (Gramineae) (\*)"

<sup>(1)</sup> ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.<sup>(2)</sup> ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.<sup>(3)</sup> ĠU L 32, 6.2.2007, p. 161.

(\*) Il-piż massimu tal-lott jista' jiżdied għal 25 tunnellata jekk il-fornitur ikun ġie awtorizzat li jagħmel dan mill-awtorità kompetenti."

## Artikolu 2

**Emenda għad-Direttiva 66/402/KEE**

L-Anness III tad-Direttiva 66/402/KEE huwa emendat kif ġej:

- (1) L-entrati għal *Sorghum bicolor*, *Sorghum bicolor* x *Sorghum sudanense* u *Sorghum sudanense* huma sostitwiti b'dan li ġej:

| 1                                      | 2  | 3   | 4    |
|--|----|-----|------|
| " <i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench   | 30 | 900 | 900  |
| <i>Sorghum sudanense</i> (Piper) Stapf | 10 | 250 | 250" |

- (2) L-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għal *Sorghum sudanense* (Piper) Stapf:

| 1   | 2  | 3   | 4    |
|---|----|-----|------|
| "Ibridi ta' <i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench x <i>Sorghum sudanense</i> (Piper) Stapf | 30 | 300 | 300" |

## Artikolu 3

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. Huma għandhom jikkomunikaw

it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali, li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

## Artikolu 4

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 5

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO